MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 268/2012

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Raymond Agius**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Raymond Agius ta’ 50 sena iben Francis u Maria xebba Fenech imwieled Ħal-Lija fl-4 ta’ Frar 1959 u residenti 45 Triq il-Għasel Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 158059(M).

(1) Akkużat talli fl-24 ta' Novembru 2009 filgħodu fl-inħawi ta' Burmarrad u s-Salina volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli li teċċedi l-elf u mitejn Ewro għad-detriment ta' Kevin Mallia u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(a) tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirksotanzi qatel annimal domestiku jew li kien ġie domestikat u dan bi ksur tal-artikolu 13(1) tal-Kap 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkaċċja għasfur imġares bil-liġi u dan bi ksur tal-Avviż Legali 79 tal-2006.

(4) Akkużat ukoll talli kellu diversi tajr imħares bil-liġi mhux reġistrat mad-Direttur.

Il-Qorti ntalbet li barra l-piena skont il-Liġi tgordna s-sospensjoni tal-liċenzji tal-kaċċa tal-imputat għal mhxu anqas minn sena kif ukoll tikkonfiska l-oġġetti esibiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali mogħtija fit-18 ta' Mejju 2012 li fiha wara li rat l-artikoli 325(1)(a) u 17 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikoli 13(1) u 48(1) tal-Kap 439 sabet lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni miġjubakontrih u kkundannatu tlettax-il xahar priġuneirja li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 kienu sospiżi għal sentejn minn jum is-sentenza kif ukoll ikkundannatu jħallas multa ta' ħames mitt Ewro. Il-Qorti lliberat lill-imputat mit-tielet u mir-raba' imputazzjoni. Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H tal-Kap 9 , ikkundannat lill-imputat sabiex fi żmine

6 xhur iħallas lil Kevin Mallia s-somma ta' €2375.00. (fol 123)

Rat l-appell tal-imputat intavolat fit-30 ta' Mejju, 2012 li jista' jkun sintettizat kif ġej:

(1) L-ewwel aggravju huwa li l-imputat ma kellux aċċess għal avukat meta kellmuh il-Pulizija. L-Ewwel Qorti lliberat lill-akkużat mir-raba' akkuża minħabba n-nuqqas ta' assistenza legali iżda llimitat ruħha għal din l-imputazzjoni biss. L-appellant jissottometti li dak li jgħodd għar-raba' imputazzjoni għandu jgħodd għall-imputazzjonijiet kollha.

(2) It-tieni aggravju huwa l-Qorti tal-Maġistrati rabtet l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 mar-rimbors li għandu jingħata lill-parte ċivili. Il-piena ta' priġunerija sospiża għandha tingħata jekk il-

Qorti hija moralment konvinta li għandha tingħata tali piena. Barra dan il-mertu tal-każ ma jimmeritax piena ta' priġunerija sospiża. L-appellant għandu fedina penali kważi netta.

Għalhekk l-appellant talab modifika tas-sentenza billi filwaqt li din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitux ħati tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u minflok tilliberah minnhom. Fi kwalunkwe każ il-piena m'għandhiex tkun waħda ta' priġunerija.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Li mix-xhieda ta' Kevin Mallia jirriżulta li dan ix-xhud jgħix f'Burmarra fejn għandu bird park. Huwa kellu spoonbill (paletta) li kienu qed jittrenjaw. Waqt li l-paletta kienet qed ittir wara l-park ra lill-appellant jispara tliet tiri fuq il-paletta minn ġod-dura u ma laqathiex. Ix-xhud mar jiġri fuqha iżda kienet imbeżżgħa . Huwa ċempel lill-ħabib tiegħu beix iġiblu kopp biex jaqbadha. Reġa' ġie l-imputat u taha tir waqt li mar jiġri għal fuqha biex jiġborha. L-imputat qallu 'Mela din tiegħek? Mela kollox tiegħek?' Imbagħad qallu 'Ħudha u żommha.' Imbagħad l-imputat ħarab. Waqt li x-xhud kien qed jiġri wara l-imputat, dan heddu billi qallu li jekk jaqbduh il-pulizija kien sejjer ipattihielu.

Skont l-istima l-paletta tiswa €2375. It-tajra spiċċat għand il-Pulizija.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-imputat kien madwar mija u ħamsin metru bogħod minnu meta l-imputat kien fid-dura. Mhux permess li wieħed jispara fuqha. Waqt li kien qed jistenna lil xi ħabib iġiblu l-kopp, tfaċċa l-imputat u taha tir. It-tajra kienet fil-pussess tax-xhud għax twieldet għandu fil-park li għandu. Huwa kellu permess iżommha għaliex irranġa mal-awtoritajiet.

Xehed ukoll Stanley Gatt (a fol 20). Dan ikkonferma li t-tajra (African Spoonbill) kienet captive bred għax kellha ċurkett magħluq f'saqajha. Mir-rigor mortis irriżulta li ma kenitx ilha ħafna li nqatlet.

Huwa kien mar aml-pulizija fid-dar tal-imputat fejn sab tajr protett ibbalzmat. Huwa ppreżenta lista tal-eżemplari li kien identifika fuq il-post. Għoxrin eżemplari li huma mħarsa u jinstabu b'mod normali fis-selvaġġ fil-gżejjer Maltin ma kinux ġew iddikjarati. Instabu wkoll karkassa ta' għasfur (greencent fibre) u ta' ballotra bbalzmata li hija wkoll imħarsa. Huwa ppreżenta wkoll ritratti ta'

dawn kif ukoll tal-kollezzjoni kollha. L-imputat kien ikkonferma miegħu li dawn kienu kollha tal-imputat. Xi wħud minnhom kien wirithom minn għand missieru. Biss huwa ma kienx iddikjarhom.

Fil-konro-eżami x-xhud qal li l-provvedimenti tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006 ma japplikawx għal dawk l-għasafar li huma captive bred. Fis-sena 2003 l-imputat kellu ċ-ċnas ukoll li jiddikjara saħansitra dawk li ġew fil-kustodja tiegħu bejn l-1997 u s-sena 2003. Ix-xhud qal ukoll li ma setax isir transfer of ownership ta' xi ħaġa li ma kenitx reġistrata.

Meta reġa' ġie riprodott ix-xhud Kevin Mallia huwa esibixxa ritratti tat-tajra maqtul kif ukoll tajra tal-istess tip imma ħajja. (fol 70). Huwa ppreżenta wkoll pjanta aktar xjentifika mill-ewwel waħda li kien esibixxa sabiex juri fejn saru l-isparaturi u fejn jinsab il-bird park tiegħu.

Fil-kontro-eżami, s-sur kevin Mallia qal li l-paletta in kwistjoni kienu ilhom erba' xhur jittrenjawha kull jum. It-tajra kien jesibiha lit-tfal tal-iskola. Ikkonferma li kien ra lill-imputat jispara. Anzi meta t-tajra kienet waqfet imbeżżgħa, l-imputat kien mar sparalha quddiemu stess.

Xehed ukoll PS 1181 Eugenio Caruana li qal li fl-24 ta' Novembru, 2009 kienu rċevew messaġġ mill-control room dwar rapport magħmul minn ċertu Kevin Mallia li kien qed jiġri wara persuna.li kien ra tispara fuq tajra. Imbagħad inqabad l-imputat waqt li Kwevin Mallia kien urieh it-tajra mejta fl-art. Mir-ritratti huwa kkonferma li t-tajra li ra maqtula kienet l-istess waħda li tidher fir-ritratti.

Fil-kontro-eżami huwa qal li Kevin Mallia kien qal lill-imputat biex ma jisparax fuqha u beda jgħidlu li hija tiegħu. L-imputat ma keinx ammetta miegħu li kien spara għat-tajra.

Xehed ukoll PC 1209 Edmond Grima li qal li sabu lil Kevin Mallia jiġri wara l-imputat. Meta waslu huma l-imputat kien diġa' f'idejn il-pulizija.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li kevin mallia kien uriehom fejn inqatlet it-tajra. Ix-xhud qal li Kevin mallia ma kienx għarrfu jekk Kevin Mallia kienx kellem lill-imputat.

Xehed ukoll PS 305 Alfred Gauci li qal kien ordnat jagħmel tfittxija fid-dar tal-imputat. Huwa qal lil-imputat kellu vetrina sħiħa b'għasafar ibbalzmati. L-għasafar kienu kollha fir-residenza tal-imputat. Huma kienu sabu diversi tajr li m'għandhomx ċertifikati. Huwa ppreżenta riċevuta tal-għasafar li kienu ttieħdu minn għand l-imputat.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li kienu ngħataw diversi ċansijiet sabiex jiġu rreġistrati l-għasafar. L-imputat ma kien tah ebda spjegazzjoni dwar l-għasafar li ma kinux reġistrati.

Xehed ukoll l-ex spettur Alexander Paul Miruzzi li qal li Kevin mallia kien informa lill-imputat diversi drabi li t-tajra kienet tiegħu iżda l-imputat xorta baqa' jispara fuqha. Fl-istqarrija Raymond Agius baqa' jiċħad li kien spara fuq it-tajra.

Fl-istqarrija, li saret fl-24 ta' Novembru 2009, l-imputat qal li kien ra 'l-paletta huwa u jfittex il-gallina. Il-pluviera li kie taha tliet tiri kienet fl-għalqa tiegħu. Huwa ma keixn ra lill Kevin Mallia ġej fuqu. Huwa rah biss bit-tajra. Huwa qal li ma kienx hu li spara fuq it-tajra.

Ikkonsidrat

**L-Ewwel Aggravju**

Illi l-ewwelnett l-appellant jissottometti li n-nuqqas ta' konsultazzjoni ma' avukat rrenda l-eżerċizzju tal-Pulizija bħala wieħed 'illegali'. Huwa jqabbel ukoll il-konsiderazzjoni li għamlet il-Qorti għal dak li qal l-imputat lil Stanely Gatt.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Prattikament l-imputat ma nkriminax ruħu b'dak li qal fl-istqarrija. Barra minn hekk, l-Ewwel Qorti kellha quddiemha x-xhieda dettaljata ta' Kevin Mallia dwar l-inċident li seħħ fl-24 ta' Novembru 2009. Filfatt mis-sentenza jirriżulta (ara b'mod speċjali fol 121) li l-Qorti ma bbażżatx ilp-konklużjoni tagħha jekk l-imputat kienx ħati jew le fuq l-istqarrija tal-imputat. Anzi qalet hekk:

'Li kieku inġabet l-ewwel imputazzjoni abbażi tal-ewwel tliet tiri biss, u cioe' li kieku l-paletta inqatlet bl-ewwel tiri sparati mill-imputat, il-Qorti kien ikollha dubju jekk effettivament l-imputat sparax lejn il-palletta għaliex ħasibha selvaġġa. Iżda meta wieħed iqis li l-imputat , wara li spara lill-paletta u ma laqthiex, imbagħad mar jiġri jfittixha u meta sbaha ħdejn Kevin Mallia u seta' jara li din il-paletta kellha ċ-ċurkett li kien jindika li hija domestikata huwa xorta wħada għażel li jisparalha at close range biex joqtolha. Huwa evidenti li huw ainduna li kienet bnred u propjeta' ta' Mallia u xorta ried joqtolha. Il-Qorti hija konvinta li l-imputat kellu l-intenzjoni li jikkaġuna ħsar lil Mallia fil-mument li spara lejn il-paletta at close range.'

Din il-Qorti taqbel ma' din l-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti. Ma hemm ebda dubju li l-appellant xorta spara minkejja li seta' jara li din il-paletta kellha ċ-ċurkett u minkejja li sema' lil Kevin Mallia jgħajjat.

Għalhekk mhix kwistjoni ta' stqarrijiet u f'din il-parti tal-inċident ma daħalx Stanely Mallia. Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Qorti tal-Maġistrati kienet korretta meta waslet għall-konklużjonijiet ta' ħtija dwar l-ewwel u dwar it-tieni imputazzjoni. Għal din it-tieni imputazzjoni, jidher li kien applikat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

Isegwi li l-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**It-tieni aggravju**

Il-Qorti lanqas ma taqbel mas-sottomissjoni li l-Ewwel Qorti imponiet piena karċerarja sospiża sabiex il-vittma jkun rimoborsat. Dan qed tgħidu għal żewġ raġunijiet:

(i) L-ewwelnett jirriżulta li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li meta spara t-tieni darba l-imputat kien jaf tajjeb li l-paletta kienet waħda domestikata. Saħansitra ipprova jaħrab mill-post u beda jgħajjat 'Mela hawn kollox tiegħek?' Jekk fl-ewwel tliet tiri seta' kien hemm xi skużanti, dan it-tir tal-aħħar żgur li l-appellant seta' faċilment ma tahx.

(ii) Fis-sentenza jidher il-kliem:

'fiċ-ċirkostanzi għandha timponi piena karċerarja sospiża bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H sabiex il-vitma Kevin mallia jiġi rimborżat tad-dannu li sofra.'

Minn din il-frażi bl-ebda mod ma wieħed jista' jgħid li l-Ewwel Qorti imponiet is-sentenza karċerarja sospiża sabiex ikun rimborżat Kevin Mallia. Filfatt il-kliem 'bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H sabiex il-vittma Kevin Mallia jiġi rimborżat' juri biss l-intenzjoni tal-Qorti li l-barra l-piena, l-allegat vittma jitħallas bla ma jkun hemm bżonn jinfetħu proċeduri ċivili. Kulma kienet qed tagħmel l-Ewwel Qorti kienet qed tesprimi r-*raison d'etre* tal-artikolu 28H.

Bħala regola din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena. Għal dik li hija piena ta' priġunerija, dik kienet il-minimum li jikkontempla l-artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9. Il-mod kif ingħata t-tir tal-aħħar li kkaġuna l-mewt tal-paletta, meta l-appellant seta' jara sew li l-paletta kellha ċ-ċurkett u sidha mhux 'il bogħod, iwassal għall-konkużjoni li din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba l-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati għal dik li hija piena ta' priġunerija sospiża.

Min-naħa l-oħra jidher li bejn l-ewwel u t-tieni imputazzjoni hemm il-konkurs formali tar-reati meta persuna tista' bl-istess att tikser aktar minn liġi waħda. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikat dan il-prinċipju, allura ma keinx hemm għalfejn tkun imposta l-multa ta' €500 għat-tieni imputazzjoni.

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fis-sentenza fl-ismijiet premessi fit-18 ta' Mejju 2012 billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, fejn illiberatu mit-tielet u mir-raba' imputazzjoni u fejn imponiet kundanna ta' priġunerija għal tlettax-il xahar sospiżi għal sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H tal-Kap 9 sabiex l-allegat vittma jitħallas dak li hu dovutfi żmien sitt xhur mis-sentenza qed tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu jħallas multa ta' €500 u dan minħabba li bejn l-ewwel u t-tieni imputazzjoni japplika l-konkurs formali.**

**Il-Qorti qed twissi lill-appellant li s-sospensjoni ta' sentejn tibda għaddejja mil-lum u matul dan il-perjodu, jekk jinstab ħati ta' xi reat ieħor, il-kundanna ta' llum tiżdied ma' dik tar-reat il-ġdid.**

**Twissi lill-appellant bil-konsegwenzi li jista' jkun hemm minħabba l-applikazzjoni tal-artikolu 28 H jekk hu ma jħallasx lill-vittma fiż-zmien mogħti lilu.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------